MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 185/2005

**Quintano Foods Limited**

**vs**

**Jesmond Sant u skond il-verbal datat l-24 ta' Jannar tas-sena 2006, ordnat il-kjamat in kawza ta' Rita Sant, mart il-konvenut**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM1,671.03,0), bilanc minn somma akbar dovuta fuq zewg kontijiet separati, u rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom;**

**Il-konvenuta ghalkemm interpellata, baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta Rita Sant.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------